MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 547/1989/2

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' CSMR Trading Company Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Din hi kawza ta' ritrattazzjoni, u hija dwar gallettini u *crackers*. Permezz ta' Nota ta' Qbid numru 43/89 datata 27 ta' Marzu, 1989, il-Kontrollur tad-Dwana qabad

kwantita` ta' gallettini u *crackers* li kienu gew impurtati mid-ditta CSMR Trading Company Limited (is-socjeta` ritrattanda) peress li kien qed jikkontendi li dawn ma kienux skond l-*import licence* li l-imsemmija socjeta` kellha, kif ukoll peress li dawn l-oggetti ma kienux jaqblu mal-*customs entry form* li kienet imtliet mill-istess socjeta` importatrici. Skond l-imsemmi Kontrollur, apparti li l-valur tal-merkanzija kien izjed milli gie effettivament ddikjarat, l-imsemmija socjeta` kienet giet awtorizzata li timporta *"Biscuits in boxes/tins – Not less than 400 grams"*. Kien hemm ukoll il-kundizzjoni, fil-licenzja ta' l-importazzjoni, li kienet tghid hekk:

**Provided:**

**a) in Presentation Boxes/Presentation Tins but NOT bags;**

**b) the net weight to be not less than 400 Grms and not more than 2 Kgs.**

Peress illi skond is-socjeta` importatrici, il-merkanzija kienet perfettament skond il-licenzja, u apparti li hija kienet (dejjem skond l-istess socjeta`) iddikjarat l-affarijiet korrettement fil-*customs entry form*, l-istess socjeta` ppresentat rikors – fl-24 ta' Mejju, 1989 – fil-Prim Awla tal-Qorti Civili skond id-disposizzjonijiet allura vigenti ta' l-Ordinanza tad-Dwana, li permezz tieghu talbet li l-Kontrollur tad-Dwana jigi ordnat u kkundannat jirrilaxxja l-merkanzija msemmija, b'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-istess socjeta`. B'sentenza moghtija fit-18 ta' Marzu, 1992 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddikjarat li l-qbid tal-merkanzija indikata fin-Nota ta' Qbid 43/89 ma kienx konformi mad-disposizzjonijiet tal-ligi u li ghalhekk il-Kontrollur ma kienx intitolat jaqbad l-istess merkanzija; pero` in vista tal-fatt li l-merkanzija kienet lahqet giet distrutta, dik il-Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-Kontrollur ghar-rilaxx tal-istess merkanzija, izda rrizervat kull azzjoni ohra ghad-danni spettanti lis-socjeta` importatrici, u bl-ispejjez kontra l-Kontrollur tad-Dwana, u dan wara li dik il-Qorti kkunsidrat, *inter alia*, hekk:

"Illi kull ma jifdal ghalhekk hu li jigi determinat jekk l-interpretazzjoni moghtija mill-intimat, se pure, bl-intervent u asssistenza tad-Dipartiment tal-Kummerc, u cioe` li l-

merkanzija impurtata ma kienetx konformi mal-licenzja ta' importazzjoni, kienetx korretta.  Jekk ghalhekk l-istess intimat kellux raguni valida sabiex johrog is-'Seizure note' numru 43 tan-1989 fuq il-merkanzija in kwistjoni.

Illi tressqu diversi provi da parti tar-rikorrent intizi biex juru li ripetutament l-intimat u sahansitra d-Direttur tal-Kummerc, kienu ippermettew l-importazzjoni f'Malta ta' merkanzija simili ghal dik in kwistjoni.  Ir-rikorrent xehed hekk:

'Ahna dan it-tip ta' gallettini ilna ngibuhom ghal dawn l-ahhar 7 snin.  Fl-istess kaxxa kif inhi indikata fid-Dok P12 …… dejjem dahhalnihom f'Malta bhala 'presentation boxes'. (Fol 20a tal-process).

'Il-ministru Spiteri kien iddecieda li kienet presentation box'.

Ir-rikorrent ippresenta erba' kopji ta' licenzji ta' importazzjoni bl-'invoice' relattivi taghhom ghas-snin 1985 u 1986 fejn qed jghid li f'dawk is-snin huwa kien importa u thalla jdahhal Malta ghal konsum lokali, Prince Assorted Biscuits simili ghal dawk in kwistjoni u dana ghalkemm kellu l-istess kundizzjonijiet u restrizzjonijiet fil-licenzja.

Joseph Micallef, rappresentant tad-Direttur tal-Kummerc, prodott mill-istess rikorrent qal li d-definizzjoni ta' presentation box hija haga soggettiva.  (fol 45a tal-process).  L-istess xhud kompla jghid illi f'certi kazi jkun daqsxejn difficli illi wiehed jasal ghal konkluzjoni jekk il-gallettini importati jkunux fil-presentation box jew le.  Izda qal l-istess xhud li fil-kaz tal-gallettini Prince u TUC 'dawn kienu f'ammont ta' weight anqas minn dak 'allowed' u cioe` ta' anqas minn 400g.  Ghaldaqstant f'kaz bhal dan, wiehed ma ghandux element ta' soggettivita`.

Ta' min jinnota hawn li Charles Mifsud, li fiz-zmien in kwisjtoni kien Head Licensing Department fid-dipartiment tal-Kummerc u li kien hu li nizzel in-notamenti fuq l-Entry Forms Dok MG1 u Dok MG2 (fol 81a u 82a) xehed hekk inkontro ezami:

‘B’referenza ghal gallettini ta’ Pims nghid illi dawn kienu f’pakketti go kaxxi u jiena nghid illi l-pakketti ma wzinthomx. Jiena noqghod fuq dak li kien hemm miktub fuqhom. Jien ma ghaddejtx kemm il-pakkett fiha l-kaxxa. Nghid illi jiena ma nistax nghid kemm kienet tizen il-kaxxa il-kbira ghax jiena tad-Dwana ma kienux gabuli kaxxa kbira. Jiena ghidt illi ma nafx kemm fiha kaxxa kbira ghax lili qatt ma urewni kaxxa kbira, lili li kienu gabuli l-pakketti z-zghar bhala ‘samples’. Inzid nghid illi ghakemm jiena naf illi dawn kienu stored go kaxxa akbar, jiena ma nafx kemm kienet kbira din il-kaxxa u lanqas naf x’tip ta’ kaxxa kienet. Nghid illi fil-fatt kull ma gabu tad-Dwana kienu samples minn kull oggett. Jekk per ezempju tawni Choco Prince, dawna baghtuli Choco Prince wahda tonda’.

L-istess xhud meta gie muri id-dok P12 stqarr li hu qatt ma kien ra din il-kaxxa.

L-ufficjali tad-Dwana xehdu li huma kellhom dubju dwar jekk il-merkanizja importata kienetx konformi mal-licenjza u ghalhekk kienu irriferew il-kaz lid-dipartiment tal-Kummerc u hadu l-passi li mmanifestaw ruhhom fin-nota ta’ Qbid 43/1989 in konsegwenza tad-decizjoni tal-istess dipartiment u senjatament tax-xhud Charles Mfisud.

Illi l-Qorti hawn tixtieq tirrileva illi bil-poteri konferiti lill-Kontrollur tad-Dwana in forza tal-artikolu 18 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-istess Kontrollur ghandu d-dritt jimponi multi u jordna il-konfiska. Illi l-istess artikolu jiddeskrivi nuqqas tal-importatur bhala reat. Ghaldaqstant hawn qeghdin f’kamp kriminali u konsegwentement il-ligi tridi tigi interpretata restrittivament u kull dubju ghandu jmur a vantagg tal-persuna li qed tigi akkuzata b’dak ir-reat.

Illi l-kelma ‘presentation’ fil-lingwa ingliza tfisser, fost affarijiet ohra, ‘The manner of bringing into view, exhibition, representation’. Ghaldaqstant il-frazi ‘presentation box’ trid tigi interpretata f’dan is-sens u kull kaxxa li tintuza biex merkanzija tigi esebita, ghandha tigi kunsidrata li tissodisfa ir-rekwiziti imposti fil-licenzja kemm il-darba din titlob li l-merkanzija tkun in ‘presentation

boxes'. Fil-fehma tal-Qorti id-Dok. P12 jissodisfa dan ir-rekwizit."

Permezz ta' petizzjoni ppresentata fis-6 ta' April, 1992 il-Kontrollur tad-Dwana appella minn din is-sentenza. L-aggravju ta' l-appellant Kontrollur kien fis-sens li l-Prim Awla kienet ghamlet "interpretazzjoni inverosimili ghal wahda mill-kundizzjonijiet li kien hemm fuq il-permess mahrug mid-Dipartiment tal-Kummerc u cioe` li l-*biscuits* mhux biss kellhom ikunu f'*boxes* jew *tins*, izda fi *presentation* *boxes* jew *presentation* *tins*". Din il-Qorti (presjeduta u komposta differentement minn kif inhi llum) b'sentenza tat-28 ta' Novembru, 1994 laqghet dana l-appell, irrevokat is-sentenza tat-18 ta' Marzu, 1992 (bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet), u dan wara li kkunsidrat hekk:
"L-appell

L-appell tal-konvenut huwa essenzjalment koncentrat fuq it-tifsira li nghatat fis-sentenza tal-frazijiet 'presentation boxes' u 'presentation tins'.

L-osservazzjoni ta' din il-Qorti

U tabilhaqq dan huwa verament l-uniku punt tal-kawza. Kollox jiddependi mill-interpretazzoni tal-kelma tal-lingwa ingliza 'presentation' – peress illi hadd mill-partijiet ma rrikorra ghal xi kelma jew frazi alternattiva f'xi lingwa ohra – lanqas f'dik Maltija. Issa m'hemmx dubju li s-sostantiv 'present' fl-ingliz, bhala nom, ifisser 'rigal'. Fl-edizzjoni ta' l-1983 ta' 'Chambers 20th Century Dictionary – Edited by E.M. Kirk Patrick insibu:

'present – a gift (Old French 'present' originally 'presence', hence gift (from the phrase 'mettre en present a, to put into the prescence of, hence to offer as a gift to)'.

Il-forma aggettivali 'presentation' tikkwalifika n-nomi 'box' jew 'tin' biex tindika li dawn ikunu f'forma li jistghu 'jigu prezentati' proprju kif precizament nghidu fil-lingwa

taghna, bhal meta ghal kull oggett, u anki persuna, nikkwalifikaw il-forma esterna bhala ‘prezentabbli’.

Il-Qorti tifhem illi l-kwalifika hija wzata biex tindika li dak li setghet timporta s-socjeta` attrici kienet il-merkanzija, mhux tkun kif tkun, biex imbaghad tista’ titpogga u offerta fis-suq fid-diversi forom li jidhrilha l-importatrici, imma f’forma stabbilita diga’ ‘presentabbli’. L-importazzjoni saret f’kaxex bhal dik li giet esebita fil-kawza – dokument P12 – u ma jistax jinghad li hija ‘kaxxa prezentabbli’ fis-sens li tista’ tigi komunament prezentata bhala rigal.

Is-sentenza appellata interpretat is-sostantiv bhala jfisser ‘The <u>manner</u> of bringing into view, exhibition, representation’ u waslet allura ghall-konkluzjoni illi:

‘<u>kull</u> kaxxa li tintuza biex merkanzija tigi esebita, ghandha tigi konsidrata li tissodisfa r-rekwiziti mposti fil-licenzja kemm il-darba din titlob li l-merkanzija tkun ‘in representation boxes’.

Bir-rigward kollu ghall-ewwel Onorabbli Qorti, pero`, din l-interpretazzjoni ma tistax tkun korretta. Difatti jekk wiehed minn din it-tifsira jasal ghall-konkluzjoni li kull kaxxa hija bizzejjed biex tissodisfa r-regolament mentri huwa l-istess regolament li jrid li mhux kull kaxxa izda dik il-kaxxa li hija ‘presentation box’, huwa car li dik il-kwalita` li hija licenzjata. L-interpretazzjoni tas-sentenza appellata ma tikkonsidrax il-kwalifika aggettivali u anzi telminaha jew tinjoraha ghaliex altrimenti jrid jigi ritenut li kull kaxxa hija ‘presentation box’ - kull kaxxa mhix ekwivalenti ghall-kaxxa presentabbli – jew ahjar – kaxxa li tista sservi biex tinghata b’rigal. Ma tistax tkun korretta interpretazzjoni li telimina d-distizjoni jew differenza li l-kwalifika – minnha nfisha taghmel; - ‘box’ huwa terminu generiku waqt li ‘presentation box’ huwa terminu kwalifikat, li jiddistingwi b’referenza ghall-funzjonalita` t’a l-oggett.

Ghalhekk dak li hemm fis-sentenza appellata fuq dan il-punt principali tal-kawza ma jistax jigi accettat bhala l-motiv principali ta’ decizjoni favur it-tezi tar-rikorrenti. Huwa minnu li qabel ma tasal ghal dan ir-ragunament

taghha, is-sentenza appellata issemmi xi provi ta' xi prattika precendenti meta l-kaxxa esebita kienet tigi kunsidrata bhala li tissodisfa l-kwalifika, u anki opinjoni ta' ufficjali tad-Dipartiment tad-Dwana li gie miftiehem li qal li, x'inhi jew m'hijiex l-kwalifika, tiddependi minn stima jew valutazzjoni soggettiva; imma dawn huma kollha kunsiderazzjonijiert li m'ghandhomx valur deciziv – ghaliex gara x'gara fil-prattika precedenti, f'materja bhal din, m'ghandux sahha abrogattiva jew sahha li jbiddel it-tifsira car tal-kliem, u kwantu ghas-soggettivita`, dato ma non concesso, li dan huwa korrett, dan l-aspett soggettiv ma jistax jirriferixxi ghall-Kontrollur prezewnti ghaliex kieku l-kawza ma saritx. U l-kumpanija stess tikkoncedi li dik il-fehma soggettiva tal-Kontrollur – jekk tkun negattiva, il-Qorti biss tista' tibdilha. Ghalhekk dawn il-kunsiderazzjonijiet jinfluwenzaw biss il-kap ta' l-ispejjez."

It-talba ghar-ritrattazzjoni qed issir proprju minn din is-sentenza. Bil-petizzjoni taghha tat-28 ta' Frar, 1995 is-socjeta` CSMR Trading Company Limited qed titlob li din il-Qorti thassar is-sentenza tat-28 ta' Novembru, 1994 u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza. Bhala bazi ghar-ritrattazzjoni is-socjeta` msemmija qed tinvoka l-paragrafu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12:-

***(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabblit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.***

L-aggravji tas-socjeta` ritrattanda huma migjuba fi tlett paragrafi li qed jigu riprodotti testwalment:

1. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma tatx piz ghall-uzu kummercjali u l-uzu amministrattiv dwar l-interpretazzjoni tal-kelma "presentation box". Jigi sottomess bir-rispett kollu, li tali uzu, bhal kull uzu kummercjali u amministrattiv iehor, kien ligi u ghalhekk kien vinkolanti fuq il-Qorti;

2. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ukoll ma zammitx in debita konsiderazzjoni, bir-rispett kollu lejn il-Qorti, li fil-kaz presenti wiehed qieghed jikkonsidra konfiska ta' proprjeta` b'applikazzjoni ta' ligi ta' natura kriminali. Ghalhekk l-esponent ma setax ibati konfiska u jbati konsegwenzi ta' ksur tal-ligi minghajr ma tkun instabet htija fih. U l-istat ta' htija fl-esponent hija eskluza mill-kliem stess tal-Qorti li korrettement ikkonkludiet li hu, l-esponent, kien in buona fede, u ghalhekk waslet biex ghamlet temperament fl-ispejjez tal-kawza;
3. Fl-ahhar nett hemm vjolazzjoni tal-principju tac-certezza rikjest b'ligi ghal dak li jirrigwarda ligijiet u disposizzjonijiet ta' natura penali. L-interpretazzjoni soggettiva tal-kelma 'presentation box' taghmel l-applikazzjoni tal-ligi wahda incerta u labili u ghalhekk b'dan il-mod gie vjolat il-principju tac-certezza rikjest mill-ligi u l-kostituzzjoni fit-tfassil u l-applikazzjoni tad-dritt penali.

Issa, hu appena necessarju jinghad li l-procedura tar-ritrattazzjoni hija procedura <u>eccezzjonali</u> li tista' tigi akkordata biss fil-kazijiet espressament imsemmija fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12, u kif dawn il-kazijiet gew b'mod ristrett hafna interpretati minn din il-Qorti. Il-hsieb tal-legislatur kien li rikors ghat-"tielet" istanza ikun possibbli biss fejn ikun hemm kaz palesi ta' zball gudizzjarju b'mod li necessarjament u manifestament tkun saret ingustizzja lil xi parti jew ohra f'dawk il-proceduri ta' appell (fit-"tieni" istanza). Altrimenti l-massima hi li *res iudicata pro veritate habetur*. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tas-17 ta' Frar, 2003 fl-ismijiet ***AIC Joseph Barbara v. Direttur tax-Xogholojiet Pubblici***, biex jigi deciz jekk hemmx applikazzjoni hazina tal-ligi il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv – cioe` l-paragrafu (e) tal-Art. 811 – jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw pruvati ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti

tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell lil dik il-ligi tkun skorretta. Fi kliem iehor, irid jirrizulta li l-Qorti tkun applikat il-ligi l-hazina u mhux semplicement applikat il-ligi korretta b'mod hazin (ara wkoll, *inter alia*, ***Wara l-kawza deciza fl-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D.*** App. 27/3/2003; ***Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri*** App. 2/6/2003; u ***Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et*** App. 10/10/2003).

Fil-kaz in dizamina s-socjeta` ritrattanda qed tippretendi li din il-Qorti (diversament presjeduta u komposta, kif diga nghad) applikat il-ligi hazin ghax kellha tapplika bhala "ligi" l-"uzu kummercjali" u l-"uzu amministrattiv". Din il-Qorti ezaminat l-atti sew u tosserva li din hi l-ewwel darba li l-imsemmija socjeta` qed tinvoka l-"ligi kummercjali" jew il-"ligi amministrattiva" bhala li huma b'xi mod applikabbli ghall-kaz – kemm fir-rikors tal-24 ta' Mejju, 1989 kif ukoll fir-risposta ghar-rikors ta' appell tal-Kontrollur tad-Dwana (risposta tal-21 ta' April, 1992, fol. 149) ma hemm ebda referenza ghal tali "ligi". Fir-risposta msemmija l-unika haga li socjeta` rriferiet ghaliha, u dan b'referenza ghall-fatt li ghal diversi snin (skond Carmelo sive Charles Ellul Sullivan fid-deposizzjoni tieghu tal-25 ta' Settembru, 1990, fol. 20a, ghal madwar seba' snin) jidher li Ufficjali tad-Dwana kienu ppermettew li din l-istess tip ta' merkanzija tidhol f'Malta taht licenzja li kienet tawtorizza l-importazzjoni ta' *biscuits in presentation boxes* jew *presentation tins*, kienet ghall-<u>prassi</u> li kienet giet b'hekk kreata:
Jekk l-awtoritajiet ma jsegwux il-prassi kreata minnhom stess il-buona fede ta' l-importatur tigi sorpriza b'dannu kbir ghall-kummerc.

Ebda referenza, ghalhekk, ghal xi ligi jew disposizzjoni tal-ligi li kellha tigi applikata. U dan il-punt tal-"prassi" precedenti gie indirizzat specifikatament mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha, meta qalet a propositu:
**Huwa minnu li qabel ma tasal ghal dan ir-ragunament taghha, is-sentenza appellata issemmi xi provi ta' xi**

**prattika precedenti meta l-kaxxa ezibita kienet tigi kunsidrata bhala li tissodisfa l-kwalifika [ta' "presentation"], u anki opinjoni ta' ufficjal tad-Dipartiment tad-Dwana li gie miftiehem li qal li, x'inhi jew m'hijiex l-kwalifika tiddependi minn stima jew valutazzjoni soggettiva; imma dawn huma kollha kunsiderazzjonijiet li m'ghandhomx valur deciziv – ghaliex gara x'gara fil-prattika precedenti, f'materja bhal din, m'ghandux sahha abrogattiva jew sahha li jbiddel it-tifsir car tal-kliem, u kwantu ghas-soggettivita`, dato ma non concesso, li dan huwa korrett, dan l-aspett soggettiv ma jistax jirriferixxi ghall-Kontrollur prezenti ghaliex kieku l-kawza ma saritx. U l-kumpanija stess tikkoncedi li dik il-fehma soggettiva tal-Kontrollur – jekk tkun negattiva, il-Qorti biss tista' tibdilha. Ghalhekk dawn il-kunsiderazzjonijiet jinfluwixxu biss fuq il-kap ta' l-ispejjez.**

Ghalhekk hawn ma hux il-kaz, kif qed tippretendi s-socjeta` ritrattanda, ta' xi applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sens tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, izda kaz fejn fis-sentenza li qed jintalab it-thassir taghha din il-Qorti interpretat il-kondizzjoni li kienet giet imposta fuq is-socjeta` importatrici in konnessjoni ma' l-importazzjoni tal-gallettini in kwistjoni anke fid-dawl tal-prassi precedenti li kienet irrizultat mill-provi u kkonstatat bhala fatt jekk il-kaxex impurtati kienux verament "presentation boxes". Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-kaz ma jaqax taht il-paragrafu (e) imsemmi.

Kwantu ghat-tieni u t-tielet konsiderazzjoni migjuba mis-socjeta` ritrattanda – *vide supra* – din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-allegat nuqqas – jekk kien hemm dan in-nuqqas – li l-Qorti zzomm quddiem ghajnejha in-"natura kriminali" jew in-"natura penali" tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana li jikkomminaw il-konfiska, jista' b'xi mod jinkwadra fil-paragrafu (e) imsemmi. Apparti li d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza tad-Dwana jistghu jaghtu lok ghal proceduri kemm kriminali kif ukoll civili, u dawn il-proceduri huma separati u distinti minn xulxin (Artikolu 6,

Kap 9) anke ghal dak li jirrigwarda l-oneru tal-prova u l-grad ta’ prova li huwa rikjest biex parti jew orhra tirnexxi fit-tezi taghha, fil-kaz in dizamina kull ma ghamlet il-Qorti ta’ l-Appell kien li interpretat il-kundizzjoni jew “kwalifika” imposta – li l-kaxex jew laned iridu jkunu “presentation boxes” jew “presentation tins” – fid-dawl tal-ligi li evidentement kienet il-bazi ghall-proceduri kollha, cioe` l-Ordinanza tad-Dwana, u applikat dik l-interpretazzjoni ghall-fatti li kienu rrizultaw. Dik l-interpretazzjoni – li essenzjalment hija konstatazzjoni ta’ fatt u interpretazzjoni ta’ dokument, cioe` tal-licenzja ta’ importazzjoni – setghet kienet zbaljata ghax kienet restrittiva wisq jew liberali wisq, izda, kif diga gie osservat aktar ‘l fuq, tali interpretazzjoni ma tammontax fic-cirkostanzi tal-kaz, ghal applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sens tal-imsemmi paragrafu (e).

Ghall-motivi premessi ma hemmx lok li s-sentenza tat-28 ta’ Novembru, 1994 tithassar u li l-kawza tigi ritrattata. Konsegwentement tichad it-talbiet kif kontenuti fil-petizzjoni ghar-ritrattazzjoni tat-28 ta’ Frar, 1995, bl-ispejjez kontra s-socjeta` ritrattanda.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------